# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Marzu, 2002.**

**Numru**

**Appell numru 50/02**

**Henry Darmanin**

**vs**

**Kevin Mark Bartolo u l-Kummissjoni Elettorali**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI**

1. B'decizjoni tal-20 ta' Frar 2002, fir-rikors fl-ismijiet premessi l-Ufficjal Revizur, l-Onorevoli Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona laqa' l-appell ta' Henry Darmanin u ordna li jigi kancellat isem Kevin Mark Bartolo mir-registru elettorali, ppubblikat f'Ottubru tal-2001 minhabba li dan il-votant ma jikkwalifikax ghall-vot kawza inabilita' tal-mohh.

**L-APPELL TAL-KUMMISSJONI ELETTORALI**

2. Il-Kummissjoni Elettorali interponiet appell minn din id-decizjoni fuq l-aggravju segwenti :

Illi l-ligi u cioe' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali tal-1991 fl-Artikolu 27 u 41 tirregola b'mod aktar preciz f'liema cirkostanzi r-registrazzjoni ta' votant minhabba inabilita' tal-mohh tista' tinghata u tassoggetta kwalsijazi decizjoni fir-rigward ghall-parir unanimu ta' Bord Mediku kompost minn tlett tobba imwaqqaf skond il-ligi ; fil-kaz prezenti l-Ufficjal Revizur ordna l-kancellament ta' l-isem tal-votant minghajr ma segwa l-procedura tassivvament stabbilita mil-ligi. Ghalhekk din id-decizjoni hija nulla. Il-Kummissjoni Elettorali hija tal-fehma li huwa obbligu taghha li taghmel dan l-appell biex il-procedura titmexxa f'kull kaz skond il-ligi u anke biex tissalvagwardja d-dritt tal-vot ta' kull persuna.

Ghaldaqstant ghat-tenur tal-Artikolu 13(10) ta' l-Att precitat il-Kummissjoni Elettorali qed tappella mill-precitata decizjoni tal-Ufficjal Revizur u titlob li dik id-decizjoni tigi kancellata u revokata biex il-kaz jigi deciz skond il-ligi.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

3. L-appell tal-Kummissjoni Elettorali huwa bbazat fuq l-artikoli 27 u 41 ta' l-Att XXI tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Generali u dan in kwantu, skond ma hija tissottometti, fihom hemm regolat "b'mod l-aktar preciz f'liema cirkostanzi r-registrazzjoni ta' votant minhabba inabilita' tal-mohh tista' tinghata."

4. Illi kjarament ghalhekk isegwi mis-suespost li l-aggravju ta' l-appellant huwa essenzjalment wiehed ta' indole legali u procedurali.

5. Illi minn ezami ta' l-artikolu 24(1) tal-Att fuq imsemmi jirrizulta li biex jithassar l-isem jew jitnehha elettur imnizzel fir-Registru Elettorali fuq bazi ta' inabilita' mentali, tali att irid ikun precedut minn decizjoni moghtija minn Bord Mediku mwaqqaf bis-sahha ta' l-artikolu 14 ta' l-istess Att jew inkella jekk dik il-persuna tkun giet interdetta minhabba f'inabilita' tal-mohh minn Qorti kompetenti. Tali procedura tinsab espressament imnizzla fil-ligi msemmija.

Fil-kaz in ezami la jirrizulta li kien hemm xi decizjoni mill-Bord Mediku kostitwit skond l-Att u lanqas prova dwar xi interdizzjoni minn Qorti kompetenti tal-votant ikkoncernat. Mhux hekk biss imma mill-atti processwali lanqas ma jirrizulta li l-Ufficjal Revizur b'xi mod segwa remotament id-dispost ta' l-artikolu 41(2) ta' l-Att XXI/1991 li ghandu japplika f'kazi bhax-xorta in ezami. Illi ghalhekk l-aggravju intavolat mill-appellant hu altru milli gustifikat.

6. Illi maghdud is-suespost, din il-Qorti ma tistax ma tesprimiex ukoll il-perplessita' taghha ghall-mod kif giet redatta s-sentenza li dwarha gie interpost dana l-appell. Imqar jekk l-Ufficjal Revizur kien sodisfatt bil-fatti tal-kaz, mhux bizzejjed <u>ad validitatem</u> li bhala decizjoni tieghu jitnizzel biss "akkordat" u xejn izjed per via ta' motivazzjoni! U dan ukoll minghajr riferenza kwalsiasi ghall-fatti jew almenu ta' l-atti pprezentati quddiem l-Ufficjal Revizur. Ikun bizzejjed ghal din il-Qorti li ticcita l-parti rilevanti mill-artikolu 13(10) tal-Att XXI/1991, igifieri li

> "Fid-decizjoni tieghu dwar l-applikazzjoni l-appell Revizur ghandu jiddikjara x'ikunu r-ragunijiet li fuqhom tkun imsejsa d-decizjoni tieghu ….…."

sabiex tiddimostra kemm hija monka d-decizjoni appellata – sal-punt li tirrendiha nulla anke f'dan il-kuntest sollevat minn din il-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-appell intavolat mill-Kummissjoni Elettorali, tirrevoka u thassar id-decizoni kif moghtija mill-Uffijal Revizur fl-20 ta' Frar 2002 fl-atti tar-rikors fl-ismiijiet premessi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Dep/Reg

mg